# ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

# RAPPORT ANNWALI

# 2005-2006

Minn ħarsa ġenerali lejn il-ħidma li matul dawn l-aħħar tnax-il xahar wettaq l-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI (IFP) nistgħu ngħidu li mhux biss intlaħqu l-miri kolha maħsuba imma tpoġġiet bażi tajba għal iktar ħidma fil-ġejjieni.

## *CHARTER*

Il-linji gwida li s-Sinodu offra għall-operat ta' l-IFP ġew ippreżentati fiċ-*Charter* ippubblikata fix-xahar ta' Marzu li għadda. Din kienet l-ewwel prijorità għax permezz tagħha setgħet tiġi offruta l-vizjoni, l-identità u l-missjoni ta' l-IFP: liema huma l-linji operattivi li fuqhom se jimxi, liema huma l-istrutturi li jiffavorixxu konfront utli u siewi għall-ħidma tiegħu.

## PROĠETTI

Esperjenzi konkreti sa ġew offruti din is-sena:

- *Certificate in Youth Ministry*: dan il-proġett seta' kien possibbli wara ħidma u ħafna ppjanar bejn il-KUMMISSJONI DJOĊESANA ŻGĦAŻAGĦ (KDŻ), s-SALESIAN PASTORAL YOUTH SERVICE (SPYS), l-FAKULTÀ TAT-TEOLOĠIJA u s-CENTRE FOR IGNATIAN SPIRITUALITY (CIS). Din l-esperjenza serviet ta' mudell u paradigma, sew mill-aspett ta' kontenut u kemm minn dak operativ, li permezz taghha setgħu jiġu kkunsidrati proġetti oħra ta' kollaborazzjoni.

- Dan l-istess *Certificate in Youth Ministry*: se jerġa jkun miftuħ din is-sena akkademika.

- Esperjenza pożittiva oħra ta' kollaborazzjoni hija dik seħħet mal-CARITAS. Din il-proposta ġiet mfassla b'mod li għall-*professional and administrative staff* ġew offruti tlett seminars li trattaw temi importanto fis-Sinodu: antropoloġija, komunjoni u etika. Minn valutazzjoni li saret fl-aħħar ta' dawn is-seminars ntweriet x-xewqa li din l-esperjenza terġa tiġi proposta għas-snin li ġejjin.

- Saru żewġ *seminars* dwar il-*Parroċċa Llum* u l-*Parroċċa Għada* fix-xahar ta' April b'parteċipazzjoni qawwija ta' ħafna mill-membri tal-KUNSILLI PASTORALI PARROKKJALI (KPP).

- Saru l-laqgħat meħtieġa mal-GĦAQDA BIBLIKA MALTIJA, l-KUMMISSJONI LITURĠIKA u mal-KUMMISSJONI KATEKETIKA biex jiġu offruti proposti formattivi, f'format ta' *modules*, li huma kapaċi li jaddattaw ruħhom għall-ħtiġijiet formattivi ta' dawk li jitolbuhom u li huma flessibbli fl-applikazzjoni tagħhom.

- Saru l-preparattivi kollha għal kors fil-*leadership* li se jibda bl-ewwel *weekend* seminar fix-xahar ta' novembru 2006. Din il-proposta kienet possibbli wara kollaborazzjoni mal-FORUM TA' L-GĦAQDIET U L-MOVOMENTI.

- Bdiet isseħħ il-kollaborazzjoni mar-rivista PASTOR li ħadet format ġdid. Qed issir ħidma biex din ir-rivista sservi bħala strument formattiv għall-membri tal-KPP. Numru dejjem jiżdied ta' parroċċi qed jabbonaw il-membri tal-KPP fiha.

- Matul ix-xhur ta' april u mejju ġew preparati diversi programmi għar-radju RTK dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja f'kollaborazzjoni ma' l-UFFIĊĊJU ĠUSTIZZJA U PAĊI.

- Ġie mniedi seminar dwar it-tagħlim soċjali tal-Knisja mat-TAQSIMA DINJA TAX-XOGĦOL fix-xahar ta' Mejju.

- L-IFP ta' kontribut għall-kampanja mnedija mill-KDŻ li kellha l-isem *Għall-Ħajja Sesswali Isbaħ*.

- L-IFP ħaseb biex joffri sussidji formattivi għall-ħruġ tal-film *Da Vinci Code*. Barra *round table conference*, konferenza stampa, u parteżipazzjoni fi programmi televiżi u fuq ir-radju, ġew stampati 20,000 manwal bl-ingliz u 130,000 sussidju bil-malti li tqassmu mar-rivista *Flimkien* jew, fejn din ma tasalx, permezz tal-parroċċi.